MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60

It-Tnejn,18 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (3)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

60.1.1 Ma kienx hemm

## 60.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

60.2.1 Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tmienja u ħamsin (58) laqgħa tal-Kunsill li ġew ċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

60.2.2 Il-Kunsillier AC talab illi tigi emendata minuta numru 58.3.6. Wara kjarifika gie deciz illi l-emenda ma kenitx mehtiega

60.2.3 Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Vici-Sindku JB favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhal dokument korrett

60.2.4 Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 58.4.2 u qal li l-materja kienet ghadha pendenti

60.2.5 Il-Kunsillier AC ghamel referenza ghall-minuta 58.4.24 u staqsa jekk kienx hemm gie zviluppi. Il-Kunsillier AC gie infurmat illi l-materja kienet ghadha pendenti

60.2.6 Il-Kunsillier AC ghamel referenza ghall-minuta 58.4.26. Is-Sindku J.C. informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet qieghda tigi evalwata.

60.2.7 Il-Kunsillier S.Z. staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 58.3.1. Wara li - Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ERA kienet hadet *samples*, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat biex ma jmiss xejn. Fuq proposta tal-Kunsillier S.Z. il-Kunsill Lokali kellu jitlob lil ERA sabiex jitwahhlu tabelli indikattivi fuq il-post.

60.2.8 Is-Sindku JC ressaq il-minuti tad-disa' u ħamsin (59) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

60.2.9 Il-Vici Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Ac favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 60.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

60.3.1 Is-Sindku JC informa dwar korrispondenza ricevuta minn Slickliner Malta fejn talbu li jintuza l-pitch tar-ramel sasbiex jiġi prattikat dan it-tip ta sport. Huma talbu wkoll sabiex ikunu jistaw jarmaw l-apparat taghhom. Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie stabbilit illi l-proposta ma setghetx timmaterjalizza

60.3.2 Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'Cirkolari numru SPI/05/2019 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bl-isem ta' Rebbiegha fil-komunita'- Xettel b'ilwien in-natura.

60.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kienet waslet talba sabiex issir attivita' fl-*iskate park* li kien sar fil-bajja s-sabiha, liema attivita' l-Kunsill Lokali ma setax japprova peress li l-istess *skate park* ma kienx ghadu waqa' fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.

60.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed ihallas sabiex is-Sur Charles Fenech jattendi kors li kien ser ikun qieghed isir minn ERA, liema kors kien marbut ma' permessi sabiex jiggeddu *waste carrier permits.*

## 60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

60.4.1 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar allegat ftehim li kien gie ffirmat mal-freeport sabiex jitnaqqsu l-hsejjes li jsiru mill-freeport fuq numru ta' snin, liema ftehim kien jinkludi fost l-ohrajn ix-xiri ta' 15 il-krejn gdid. Il-Kunsillier SZ semma wkoll illi kien sar accenn ( mill-Ministru Conrad Mizzi waqt il-ftuh ufficjali tal-progett tal-iskate park) ghall-gnien ta' bejn is-Sea Side u s-Sailing Club u staqsa jekk kienx hemm konferma li l-progett ser isir.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jitlob kopja ta' eventwali rapporti u jghaddihom lill-Kunsilliera.

60.4.2 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' minuta 58.2.3 li kienet tittratta cint biswit lukanda fil-bajja s-sabiha. Il-Kunsillier Zammit sahaq li min-naha tieghu kien informa lil-LESA u l-pulizija li kienu hadu azzjoni f'numru ta' okkazjonijiet.
Is-Sindku informa lill-kunsilliera li kien qieghed jistenna illi jittella' l-hajt mill-kuntrattur hekk kif maqbul mill-Kunsill Lokali

60.4.3 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk wara li gie inawgurat l-iskate park kien possibbli jergghu jigu installati il-bollards li kien hemm, jinbidlu r-*remotes* u tinghata kopja lill-pulizija, issir modifika lill-*barrier* li kien hemm bil-ghan illi tinghalaq hekk kif tghaddi vettura, issir CCTV camera, jigu installati tabelli li jindikar li ma kienx permessibbli sewqan bir-roti, issir zebra crossing u jigu mwahhla barriers tal-hadid ma kull hrug tal-promenade.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien sab persuna sabiex taghmel parti mix-xogholijiet (in-naha tas-Sea Side) u li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jahdem sabiex jordna tabelli hekk kif propost mill-Kunsillier Zammit.

60.4.4 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk dwar korrispondenza li kienet giet diskussa waqt minuta 58.3.1, liema korrispondenza kienet tittratta haxix hazin fil-bahar tal-bajja s-sabieha setghetx tintbaghat komunikazzjoni lill-Awtorita' tat-Turizmu.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet diga giet diskussa.

60.4.5 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lis-Sindku ghal kjarifika rigward minuta numru 58.3.6 peress illi fl-opinjoni tieghu, il-materja ma kenitx cara bizzejjed.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kiene diga giet diskussa.

60.4.6 Is-Sur Stanley Zammit staqsa fiex kienet waslet l-skema ta' mmaniggjar tat-traffiku ta' triq San Patrizju.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward l-awtorizzazzjonijiet mehtiega kienu ghadhom ma waslux.

60.4.7 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward caqliq u tidwil ta' pedestrian crossing fi Triq Birzebbuga li dwarha huwa kien baghat e-mail lill-Kunsill Lokali.
Is-Sindku ta' spjegazzjoni lill-Kunsill Lokali dwar il-materja

60.4.8 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi data ghall-bidu ta' xogholijiet fi Triq Zaren Dalli.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi minkejja li kien ghad ma hemmx data kienet ser issir laqgha ma Infrastructure Malta dwar il-materja.

60.4.9 Il-Kunsillier Stanley Zammit qal illi kien baghat pjanta dwar is-sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku ta' Triq iz-Zurrieq u l-inhawi u staqsa jekk l-istess pjanta setghetx tittella' fuq il-media socjali ghad-diskussjoni.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi qabel ma tittella' ghad-diskussjoni fuq il-media socjali huwa kien tal-opinjoni illi l-materja kellha tigi diskussa internament.

60.4.10 Il-Kunsillier stanley Zammit ghamel referenza ghal minuta 58.9.1 u staqsa jekk setghetx tega' tittella' ghad-diskussjoni skema ta' traffiku ghal Triq in-Narcis, Triq il-Kus, Triq Mose' u parti minn Triq it-22 ta' Frar.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba tal-Kunsillier Zammit

60.4.11 Il-Kunsilier Stanley Zammit staqsa jekk il-Kunsill Lokali setax jikkunsidra li b'konnessjoni ma' minuta 58.11.2 setax jehel arblu ta' 6 metri f'Misrah il-Knisja u spjega r-ragunijiet wara t-talba tieghu.
Wara li s-Sindku ghamel il-Kunsiderazzjonijiet tieghu u kien hemm diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera, kien hemm qbil illi kellha tingabar stima ghax-xoghol li kien gie diskuss.

60.4.12 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk b'konnessjoni mal-attivita' 'Festa Nar' li kienet ser tkun qieghda tittella' mir-Regjun Nofsinhar, kienx possibbli li tinzamm laqgha li matulha jigu diskussi fost l-ohrajn *Traffic management, firing sites u first aid stations.*

Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jghaddi eventwali dettalji li jkollu dwar il-materja lill-Kunsilliera. Dan peress. Li kien ghad hemm xi materji logistici li kien ghad iridu jigu stabbiliti.

60.4.13 Is-Sur Stanley Zammit qal illi wara li kien talab parir lis-Segretarju Ezekuttiv dwar bdil ta' tabelli ta' ismijiet tat-toroq, kien hemm qbil fil-principju illi l-istess tabelli kellhom isiru tac-ceramika u sahaq li kellhom jingabru kwotazzjonijiet.
Is-Sindku sahaq illi hekk kif ikun hemm il-kwotazzjonijiet il-Kunsill Lokali kien ser ikun f'pozizzjoni li jiddiskuti l-materja.

60.4.14 Is-Sur Stanley Zammit sahaq illi f'Wied il-Qoton kien hemm periklu serju u kien hemm il-htiega i jsir ilqugh.
Wara li s-Sindku qara l-mistqosija kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja.

60.4.15 Il-Kunsilier Stanley Zammit talab jekk setghetx issir aktar pressjoni sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega f'bandli li kienu mkissra, liema xoghol kienu ngabru l-istimi ghalih u saret l-ordni.
Is-Sindku sahaq illi kien ser ikun qieghed jitkellem mal-amministrazzjoni bil-ghan illi x-xoghol jitlesta fl-iqsar zmien possibbli.

60.4.16 Il-Kunsillier Stanley Zammit talab li ssir lampa fit-tarf ta' Triq il-Port Hieles.
Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali sahaq illi huwa ma kien isib ebda oggezzjoni.

60.4.17 Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali illi kienet saret talba sabiex issir road hump fi Triq it-torri l-Antik.

60.4.18 Il-Kunsillier Stanley Zammit qal illi kien ressaq e-mail li permezz tieghu resident kien talab li jinghata permess sabiex jaghmel zewg pajpijiet fuq il-bankina bil-ghan illi jipprotegi l-proprjeta' tieghu mill-vetturi
Is-Sindku informa lill-Kunsiliera prezenti illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni.

60.4.19 Is-Sur Stanley Zammit qal li Triq ta' Sanija, kawza tax-xogholijiet li kienu saru fil-madwar ma kenitx fi stat tajjeb hafna u staqsa jekk kienx possibbli li jsir intervent sabiex tigi rrangata.
Wara li inqrat il-mistoqsija mis-Sindku kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja, inkluz ta' zvilupp li kien ghaddej fil-madwar.

60.4.20 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar possibilita' li jizdiedu latrini pubblici fiz-zona tal-bajja s-sabiha.
Wara li s-Sindku qara l-mistoqsija il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-awtorita' ghat-Turizmu ta' Malta kienet ser tkun qieghda tpoggi mobile toilets matul ix-xhur tas-sajf.

60.4.21 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar Sqaq ta' Salvun ( SanSajna)
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi x-xoghol in-kwistjoni kien responsabilita' ta' Infrastructure Malta.

60.4.22 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali rigward dghajsa li kienet thalliet wara attivita' li kienet saret mill-fondazzjoni Valletta 2018.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jiehu hsieb il-materja.

60.4.23 Il-Kunsilliera Leanne Abela Grech staqsiet lill-Kunsill Lokali rigward lampi ma jixeghlux u li kienu qieghdin idumu biex jissewwew.
Wara li s-Sindku qara l-mistoqsija kien hemm diskussjoni libera.

60.4.24 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar Triq Ghar Dalam.
Wara li s-Sindku qara l-mistoqsija, kien hemm diskussjoni libera li matulha gie stabbilit illi x-xoghol kien fir-responsabilita' ta' Transport Malta.

60.4.25 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar id-dawl tax-Xatt.
Is-Sindku wiegeb illi filwaqt li parti mix-xoghol kien ser ikun qieghed isir minn Enemalta, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed johrog sejha ghall-offerti ghall-bqija tax-xogholijiet

60.4.26 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ressqet mistoqsija rigward it-tbattil tal-bins taz-zona tal-Qajjenza b'aktar frekwenza.
Is-Sindku wiegeb illi min-naha tieghu ma kien isib ebda oggezzjoni ghat-talba tal-Kunsiliera Busuttil.

60.4.27 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ressqet mistoqsija rigward Gnien il-Papa.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa aktar tard waqt l-istess seduta.

60.4.28 Il-Kunsillier Johann Borg talab lis-Sindku jiddiskuti t-tbattil ta' litter bin li kien hemm biswit latrina pubblika fi Triq Ghar Dalam.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-materja kienet qieghda tigi diskussa mas-segretarju Ezekuttiv u l-kuntratturi

60.4.29 Il-Kunsillier Joseph Baldacchino staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm il-hsieb li tissewwa hsara li kienet saret biswit stabbiliment.
Is-Sindku qal illi l-hsarat kienu saru fuq materji li kienu illegali u ma kienx hemm il-hsieb illi jissewwew.

## 60.5 Rapporti;

60.5.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq rapport dwar id-devoluzzjoni tad-dawl tal-qajjenza. Wara li kien hemm diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali qabel illi jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Zammit

## 60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

60.6.1 Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

60.7.1 Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 03/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

60.7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Leanne Abela Grech u ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

60.7.3 Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta’ nfiq mill-*Petty Cash* għal Frar 2019 bir-riferenza 2/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

60.7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mis-Sindku Joseph Cutajar, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 60.8 Mozzjonijiet;

60.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 60.9 Traffiku u Parkeġġ;

60.9.1 Kien hemm diskussjoni libera rigward redesign taz-zona ta’ Triq F.M. Ferretti. Issemma wkoll il-fatt illi d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Salvatore Cachia Zammit ma kenitx korretta. Dan wara li s-Sindku pogga fuq il-mejda disinji godda hekk kif imressqa mill-perit il-Kunsill Lokali. Wara d-diskussjoni, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera mal-modifiki proposti mill-perit b’diskussjoni mal-kunsillier responsabbli

60.9.2 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel mal-proposta il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi sottomessa applikazzjoni ma’ Transport Malta sabiex jinhareg permess ghal traffic calmers fi Triq it-Torri.

60.9.3 Kien hemm qbil illi kellha ssir alterazzjoni fi Triq iz-Zurrieq hekk kif propost mill-Kunsillier Stanley Zammit

60.9.4 Kellu jsir kuntatt ma’ resident li kien ressaq talba ghal traffic calmer fi Triq l-Immakulata Kuncizzjoni bil-ghan illi minflok *traffic calmer* ( li kienet it-talba originali) isiru *speed cushions*.

60.9.5 Il-Kunsill Lokali gie infurmat li kienet giet sottomessa talba lil Transport Malta ghal *traffic calmer* fi Triq tal-Gebel.

## 60.10Applikazzjoni ta' Żvilupp;

60.10.1 Ma Kienx hemm applikazzjonijiet diskussi

## 60.11 Street Lighting;

60.11.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit spjega lill-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni tad-dwal tat-toroq fi Triq il-Port Hieles

60.11.2 Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiżdied id-dwal, iżda possibilment tinstab alternattiva sabiex jiġu evitati l-arbli.

## 60.12 Attivitajiet;

601.2.1 Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' *Ghanafest* li kienet issir minn Festivals Malta u li dwarha kien hemm korrispondenza mal-istess Festivals Malta

601.2.2 Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu illi kemm il-darba jkun possibbli l-attivita' kellha tittella' hekk kif kien sehh fis-snin precedenti

## 60.13 Offerti Pubbliċi;

60.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi.

60.13.2 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

60.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal ftuħ tal-offerta ta' miljormanet fi Gnien il-Kunsill taħt il-Fondi tal-Galxlokk.

60.13.4 Il-Kunsill innota li l-offerta sottomessa, tissupera l-baggit allokat u m'għandiex tiġi kkunsidrata.

60.13.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-dokumenta tal-offerta tal-miljorament ta Gnien il-Kunsill, il-parti tal-bandli.

60.13.6 Fuq proposta tal-Kunsilliera Josette Busuttil, issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Baldacchino, il-Kunsill approva l-ħruġ tal-offerta..

60.13.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazjoni relata mal-Offerta ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Bankini

60.13.8 Fuq proposta tal-Kunsilliera Josette Busuttil, issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Baldacchino, il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla.

60.13.9 Il-Kunsillier Johann Borg tkellem dwar is-servizz tal-kuntratt tal-knis. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jigbor l-istimi sabiex jitwahhlu gps trackers mal-karretti bil-ghan illi jkun stabbilit ix-xoghol li l-kennies ikun ghamel matul il-gurnata.

60.13.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni ta' soft areas.

60.13.11 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

## 60.14 Latrini Pubbliċi;

60.14.1 Is-Sindku tkellem dwar il-proposta ta proġett pilota, li tinħareġ sejħa għall-offerta għaż-żamma ta numru ta Latrini Pubbliċi, u li ssir permezz ta Privat Partnership, hekk kif spjegat ukoll permezz ta korrispondenza riċevuta mill-LCA.

60.14.2 Il-Kunsill iddiskuta liberament u qabel illi kellu jmexxi skont il-proposta b'diskussjoni libera ssewgi b'mod partikolari dwar il-possibilita' illi l-klijenti jigu mgieghla jhallsu ghas-servizz. Kien hemm qbil illi din tal-ahhar kellha tigi diskussa sussegwentement.

## 60.15 Proġetti u Xogħlijiet;

60.15.1 Is-Sindku tkellem dwar ir-railing propost għall-Bajja s-Sabiħa u ressaq l-istima tal-Perit.

60.15.2 Il-Kunsill iddiskuta liberament il-proġett, u qabel illi kellu jsir railing tal-istainless steel. Is-Sur Stanley Zammit ressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali il-possibilita' illi l-imsemmija railings isiru tal-aluminium bil-ghan illi l-prezz ikun orhos. Kellhom isiru xi modifiki mill-perit tal-Kunsill Lokali liema modifiki kellhom jigu pprezentati fis-seduta segwenti

60.15.3 Kien hemm diskussjoni libera rigward dwal f'Misrah San Gorg Preca u Misrah P.P. Saydon. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stimi li kienu gew imhejjija minn persuna teknika dwar il-materja.

## 60.16 Mili ta Postijiet Vakanti;

60.16.1 Is-Sindku ressq ir-rapport tal-bord li żamm l-intervisti għall-vakanzi interni ta' Executive Officer u ta' Assistent Pricnipal.

60.16.2 Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjonijiet tal-bord tal-għażla fir-rigward tar-rakkomandazzjonili tressqet ghall-mili ta' post vakanti ta' Assistent Ufficjal Principali liema rakkomandazzjoni giet miqlugha fuq proposta tal-Kunsilliera Leanne Abela Grech ssekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit

60.16.3 Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjonijiet tal-bord tal-għażla fir-rigward tar-rakkomandazzjonili tressqet ghall-mili ta' post vakanti ta' Ufficjal Ezekuttiv liema rakkomandazzjoni giet miqlugha fuq proposta tal-Kunsilliera Josette Busuttil ssekondata mis-Sindku Joseph Cutajar

60.16.4 Wara diskussjoni libera gie stabbilit illi l-bord li kellu jzomm l-intervisti ghall-mili ta' post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv kellu jkun kompost mis-Sinjuri Joseph Cutajar, Stanley Zammit, Joseph Baldacchino, Josette Busuttil u Svetlick Flores b'dan tal-ahhar jokkupa l-kariga ta' chairperson tal-istess bord.

## 60.17 Skema ta' Skart riċiklabbli

60.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-Dokumenti riċevuti sad-data tal-Gheluq, u li kienu żewġ proposta, waħda mingħand GreenMT u waħda mingħand GreenPAK.

60.17.2 Wara li s-Sindku ghadda d-dettalji taz-zewg offerti li kienu gew sottomessi u kien hemm diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Johann Borg, ssekondat mis-Sur Joseph Cutajar u b'votazzjoni unanima kien hemm qbil illi kellha tigi accettata l-offerta ta' GreenPAK

## 60.18 Bus Shelters

60.18.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali kellu laqgha ma' Faces Consultants li matulha gew diskussi numru ta' bus shelters. Segwiet diskussjoni libera li matulha il-Vici-Sindku sahaq illi l-Kunsill Lokali ma kellux jacetta' l-istil gdid ta' bus shelters li kienu qieghdin jigu proposti peress li ma kienux komdi biex wiehed ipoggi fuqhom. Kien hemm qbil mal-proposta tal-Vici-Sindku

## 60.19 Rwejjaħ ta' Fjuwil

60.19.1 Il-Kunsillier Johann Borg spjega lill-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni u qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jitlob spjegazzjoni dwar il-materja. Il-Vici-Sindku, wara li ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji li kellu dwar il-materja sahaq illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jitlob spjegazzjoni lil ERA. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta mressqa u jitlob kjarifiki lil ERA rigward l-irwejjah ta' fjuwil li allegatament kien qiehghed ikun hemm

## 60.20 Hlas ta Danni Sofferti;

60.20.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill lokali kien ircieva talba ghal hlas ta' danni fuq vettura liema danni kienu allegatament saru konsegwenza ta' hofra li kien hemm fi Triq San Patrizju. Wara li inghataw dettalji dwar it-talba segwiet diskussjoni libera dwar il-materja.

60.20.2 Il-Vici-Sindku ressaq rakkomandazzjoni li kienet tghid li l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' t-talba ghal rifuzjoni tad-danni. Is-Sur Joseph Cutajar issekonda r-rakkomandazzjoni bil-votazzjoni tkun zewg voti favur u hames voti kontra.

60.20.3 Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq rakkomandazzjoni li kienet tghid li l-Kunsill Lokali kellu jilqa' t-talba ghal rifuzjoni tad-danni. Il-proposta tas-Sur Caruana giet issekondata mis-Sur Stanley Zammit u ghaddiet b'hames voti favur u zewg astensjonijiet.

## 60.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.21.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 23 ta' April 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 23 ta' April, 2019.

IFFIRMATA

Joseph Cutajar
Sindku

IFFIRMATA

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv